

Brussell, 28 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

15182/22

AGRI 672  
VETER 83

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali (Kontroll tal-idoneità) - <i>Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dokument ta' sfond tal-Presidenza li fih mistoqsijiet għall-ministri għal skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2022.

**Evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali (Kontroll tal-idoneità)**

**- dokument ta' sfond tal-Presidenza**

Il-Presidenza tqis li l-kwistjoni tat-trattament xieraq tal-annimali hija importanti ħafna, tappoġġa t-titjib fil-livelli kollha u tilqa' l-pubblikazzjoni tal-opinjoni xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Dawn l-opinjoni huma espressi b'mod ċar, jiġbru fil-qosor l-għarfien xjentifiku attwali u ser iservu bħala bażi utli għall-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni ġdida f'dan il-qasam.

Il-Kunsill adotta għadd ta' settijiet ta' konklużjonijiet f'dawn l-aħħar snin, speċifikament dwar:

- it-trattament xieraq tal-annimali bħala parti integrali mill-produzzjoni sostenibbli tal-annimali (14975/19);
- l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt (12099/20);
- it-tikkettar tat-trattament xieraq tal-annimali (13692/20);
- it-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport bil-baħar fuq distanzi twal lejn pajjiżi terzi (10235/21).

F'dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill enfażizza l-importanza tat-trattament xieraq tal-annimali u, fost l-oħrajn, stieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trattament xieraq tal-annimali malajr kemm jista' jkun, b'enfasi fuq oqsma li għadhom mhumiex koperti minn leġiżlazzjoni speċifika tal-UE.

B'risposta għal dan, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrevedi l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali sa tmiem l-2023. L-għan ta' dan ir-rieżami huwa li jiżgura livelli oġġla ta' trattament xieraq tal-annimali, iġib ir-regoli eżistenti f'konformità mal-aħħar għarfien xjentifiku, iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u jiffaċilita l-infurzar tagħhom, u jibni sistema tal-ikel aktar sostenibbli. Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ffinalizzat l-evalwazzjoni (kontroll tal-idoneità) tal-atti leġiżlattivi li ġejjin:

- id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-protezzjoni ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja;
- id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid;
- id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela;
- id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali;

- id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/976;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla.

L-għan ta' din l-evalwazzjoni kien li tivvaluta jekk ir-regoli eżistenti għadhomx adattati għall-iskop tagħhom u, b'mod partikolari, sa fejn huma rilevanti, effettivi, effiċjenti, koerenti u ta' benefiċċju għall-UE.

### **Sejbiet ewlenin**

Meta mqabbla mal-perjodu ta' qabel l-adozzjoni tagħha, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali tejbet it-trattament ta' ħafna annimali Ewropej, prinċipalment fil-kategoriji speċifiċi koperti, bħall-ħnieżer, l-għoġġiela, it-tiġieġ li jbid u t-tiġieġ tas-simna. Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u waqt il-qatla wkoll tgiebet b'mod sinifikanti.

Madankollu, b'mod ġenerali, l-UE għadha ma laħqitx livelli ottimali ta' trattament xieraq tal-annimali. Dan huwa partikolarment minnu għall-annimali li bħalissa ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni speċifika għalihom, bħall-baqar tal-ħalib u l-ħut imrobbi. Anke fejn hemm leġiżlazzjoni speċifika, din xorta waħda tippermetti li t-tiġieġ li jbid, il-majjali u l-għoġġiela jinżammu f'sistemi ta' akkomodazzjoni konfinati li jirrestrinġu b'mod sever il-moviment tagħhom u jaggravaw it-trattament xieraq tagħhom. Barra minn hekk, iż-żamma tal-qtates u tal-klieb mhijiex koperta mil-leġiżlazzjoni attwali.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali sa ċertu punt għenet biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali għall-operaturi u l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom. Madankollu, id-differenzi fl-applikazzjoni u l-infurzar għadhom joħolqu ostakli għall-kummerċ u għall-kisba ta' livelli komparabbli ta' trattament xieraq tal-annimali madwar l-UE. Dan huwa parzjalment dovut għan-nuqqas ta' ċarezza ta' xi dispożizzjonijiet.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, li ilha aktar minn 10 snin ma tiġi emendata, ma żammitx il-pass mal-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri. Barra minn hekk, differenzi konsiderevoli f'termini ta' ambizzjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttivi wasslu għal livelli differenti ta' trattament xieraq tal-annimali fl-irziezet f'kull Stat Membru, filwaqt li r-Regolamenti dwar it-trasport u l-qtil tal-annimali jiżguraw aktar armonizzazzjoni.

L-infurzar tal-leġiżlazzjoni attwali ma jissodisfax l-aspettattivi ta' ċittadini tal-lum. Għalkemm sar xi progress, il-konformità għadha sfida kbira f'oqsma bħat-trasport tal-annimali, speċjalment fuq distanzi twal, it-trasport ta' annimali żgħar jew tqal u l-esportazzjoni tal-bhejjem. Ċerti metodi ta' sturdament u l-qtuġh regolari tad-denb tal-ħnieżer joħlqu wkoll problemi kbar f'termini ta' konformità. Hemm nuqqas ta' indikaturi affidabbli għall-monitoraġġ u l-inkoraġġiment tat-titjib fit-trattament xieraq tal-annimali.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali ġabet magħha ħafna benefiċċji għall-annimali u għas-soċjetà, bħal żieda fil-produttività tal-annimali, tnaqqis fl-użu tal-antibijotiċi u titjib fis-saħħa pubblika. Għalkemm ir-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali jinvolvu wkoll spejjeż addizzjonali għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u għall-awtoritajiet pubbliċi, l-evidenza disponibbli, għalkemm limitata, tissuġġerixxi li l-benefiċċji huma akbar mill-ispejjeż.

Madankollu, ħafna operaturi jqisu li l-ispejjeż assoċjati mar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali huma għoljin wisq u r-redditi tas-suq minn ikel prodott skont standards oġhla tat-trattament xieraq tal-annimali mhumiex biżżejjed. Minħabba aspettattivi pubbliċi differenti, tħassib etiku u domandi tas-suq, is-sitwazzjoni tvarja bejn l-Istati Membri u minn settur għall-ieħor. Redditi oġhla mill-investment fit-trattament xieraq tal-annimali jistgħu jinkisbu billi l-konsumaturi jingħataw informazzjoni aħjar u aktar komprensiva biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati f'konformità mat-tħassib tagħhom dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

Il-komponenti varji tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali jikkomplementaw, jappoġġaw u huma konsistenti u kompatibbli ma' politiki oħra tal-UE. L-oġettivi tal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-ħtieġa għal sistema tal-ikel sostenibbli tal-UE jistgħu jirrikjedu appoġġ mill-politika agrikola komuni u mill-politika kummerċjali tal-UE. Hemm sejħiet għal aktar koerenza bejn il-qafas leġiżlattiv intern tal-UE u l-approċċ tiegħu għall-importazzjoni ta' prodotti tal-annimali minn pajjiżi terzi.

Xi partijiet ikkonċernati jqisu li standards aħjar tat-trattament xieraq tal-annimali huma f'kunflitt mal-oġettivi ambjentali. Dan huwa bbażat fuq suppożizzjoni li l-konsum ta' prodotti tal-annimali ser jibqa' l-istess. Madankollu, it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel aktar sostenibbli mhux ser tinkiseb mingħajr bidliet fil-konsum tal-ikel.

Sabiex jitħares it-trattament xieraq tal-annimali u tinħoloq kompetizzjoni aktar ġusta għall-bdiewa u operaturi oħra tan-negozju tal-ikel fl-Istati Membri, għandu jittieħed approċċ armonizzat fil-livell tal-UE. Attivitajiet fil-livell nazzjonali biss iwasslu għal sitwazzjoni fejn kull pajjiż ikollu l-leġiżlazzjoni differenti tiegħu. Dan jirriżulta f'aktar distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u livelli mhux ugwali tat-trattament xieraq tal-annimali.

## **Konklużjoni**

Il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali ma tissodisfax bis-sħiħ il-ħtiġijiet attwali u futuri. Kienet risposta xierqa għall-ħtiġijiet u l-isfidi fit-trattament xieraq tal-annimali bbażata fuq l-aqwa xjenza disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tagħha. Ir-regoli eżistenti jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jirriflettu aħjar l-aspettattivi dejjem akbar tas-soċjetà, it-tħassib etiku, l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u l-isfidi futuri tas-sostenibbiltà.

Minħabba s-sitwazzjoni attwali fl-Ewropa, jenħtieġ li l-bidliet fit-trattament xieraq tal-annimali jiġu indirizzati b'mod gradwali u bir-reqqa sabiex ma tiġix ipperikolata l-vijabbiltà ekonomika tal-bdiewa u ma tiġix imminata s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE.

**Sabiex jiġu strutturati d-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd f'Diċembru, il-Prezidenza tissuġġerixxi li ssir enfasi fuq ir-reviżjoni ppjanata tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Il-Prezidenza tilqa' wkoll aġġornament mill-Kummissjoni dwar l-oqsma ewlenin tar-reviżjoni.**

Il-Prezidenza tipproponi ż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) X'inhuma l-fehmiet tal-Istati Membri rigward ir-reviżjoni ppjanata tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali fil-kuntest tas-sitwazzjoni ekonomika attwali fl-Ewropa?
- 2) X'inhuma l-prijoritajiet ewlenin tagħkom rigward ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali?